# Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili

**Imħallef**
**Onor. Robert G. Mangion**

**Seduta tal-5 ta’ Lulju, 2023**

**Kawża fuq il-lista nru. 4**
**Rik. Ġur. nru. 364/2023 RGM**

**Steward Malta Management Ltd (C-70624)**

**v.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti;**

*Din hija sentenza dwar kawża miftuħa minn Steward Malta Management Ltd. kontra l-Kummissarju tat-Taxxi b’talba sabiex il-Qorti tiddikjara illi* ***Nota ta’ Talba għall-Ħlas*** *ta’* ***taxxa fuq il-valur miżjud*** *tas-somma ta’ €36,816,847.54 maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi kontra Steward Malta Management Ltd. bis-saħħa tal-Artikolu 59 (1) tal-****Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406)*** *ma tikwalifikax bħala* ***Titolu Eżekuttiv*** *ladarba tali talba għall-ħlas qed tiġi kontestata quddiem il-qrati. Titlob ukoll it-tħassir tal-*<u>*Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv*</u> *maħruġ fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi bis-saħħa tat-Talba għall-Ħlas tal-VAT.*

**Daħla**.

1. **B'rikors ġuramentat** intavolat fl-4 ta' April, 2023 **is-soċjeta attriċi Steward Malta Management Ltd (minn issa 'l quddiem Steward**) intavolat kawża kontra l-**konvenut il-Kumissarju tat-Taxxi (minn issa 'l quddiem il-Kummissarju)** fejn, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet lill-Qorti sabiex:

   (i) Tiddikjara illi l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Jannar, 2022, mibgħuta mill-Kummissarju lil Steward hija mingħajr effett għaliex ġiet ippreżentata meta l-Avviż (Default Notice) tat-8 ta' Novembru, 2021 kien ġa ġie u kien qed jiġi kontestat fi proċeduri li għadhom sa issa pendenti quddiem il-Qrati;

   (ii) Tiddikjara illi l-Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv 518/2023 inħareġ erronjament u/jew b'abbuż tad-dritt stante illi fil-mument illi fih ġie preżentat il-Kummissarju ma kellux favur tiegħu t-titolu eżekuttiv illi qed jippretendi li jenforza bl-istess mandat u/jew għaliex f'kull każ il-mandat inħareġ in malefede;

   (iii) Konsegwentement tirrevoka u tannulla l-Mandat ta' Sekwestru fuq ċitat;

2. B'**Risposta Maħlufa tat-12 ta' April, 2023 il-Kummissarju tat-Taxxi konvenut** laqa' għat-talbiet attriċi billi ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

   (i) Preliminarjament l-irritwalita' tal-azzjoni attriċi billi l-liġi tipprovdi rimedju speċjali għall-impunjazzjoni ta' atti

eżekuttivi permezz tal-artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

(ii) Bla preġudizzju u wkoll preliminarjament, l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* billi l-attriċi pproċediet fl-istess ismijiet hawn fuq premessi b'talba: (a) a tenur tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 permezz tar-rikors bin-numru 353/2023 għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 518/2023 b'kawżali li huma identiċi għal dawk dedotti permezz tal-kawża odjerna, u (b) permezz tar-rikors bin-numru 1207/2021 għar-revoka tal-avviż datat 8 ta' Novembru, 2021 b'kawżali li huma simili ħafna għal dawk dedotti permezz tal-kawża odjerna. B'riżerva tad-dritt li jissolleva l-eċċezzjoni tal-ġudikat mat-tmiem tal-proċeduri imsemmija.

(iii) Bla preġudizzju, illi l-Kummissarju huwa vestit b'titolu eżekuttiv fil-konfront ta' Steward ai termini tal-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-eżistenza ta' xi kontestazzjoni fil-konfront ta' dak it-titolu eżekuttiv ma jnaqqas xejn mill-eżegwibilita' tiegħu sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni definittiva kuntrarja.

(iv) Bla preġudizzju, illi l-Kummissarju mexa skond il-liġi u fil-qies tal-jeddijiet tiegħu, u kwindi *qui iure utitur neminem laedit*.

(v) Illi dejjem bla preġudizzju, mhux minnu li l-Kummissarju aġixxa b'*mala fede*, li f'kull każ għandha dejjem tiġi ppruvata minn min jallegaha, u l-mandat ta' sekwestru bin-numru 518/2023 ġie spedit 'l għaliex fil-fehma tal-Kummissarju, aktar dewmien fl-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tiegħu kien se jwassal biss għal preġudizzju serju lejn l-interessi tal-erarju pubbliku. Dan b'mod partikolari minħabba żviluppi li seħħew

reċenti fosthom sentenza fl-ismijiet "l-Onorevoli Kap tal-Opposizzjoni Dottor Adrian Delia vs. Onorevoli Prim Ministru ta' Malta, Dr Joseph Muscat" mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell kif ukoll peress li l-Kummissarju sar jaf reċentement illi Steward għandha dejn ukoll mal-Bank of Valletta plc.

(vi) Illi dejjem bla preġudizzju, f'kull każ it-talbiet attriċi huma infondati fil-fat u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu riġettati.

3. Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' April 2023 li permezz tiegħu laqgħet r-rikors ta' Steward tal-istess data fejn intalab li dawn il-proċeduri jinstemgħu bl-urġenza.

4. Rat il-provi mressqa mill-partijiet.

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Steward tat-30 ta' Mejju, 2023 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tad-9 ta' Ġunju, 2023.

6. Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**.

7. Permezz tal-kawża odjerna Steward qed titlob lill-Qorti tiddikjara illi l-ittra uffiċjali li l-Kummissarju ippreżenta kontra tagħha fit-3 ta' Jannar, 2022 hija mingħajr effett peress li l-Avviż (Default Notice) li l-Kummissarju kien bgħatilha fit-8 ta' Novembru, 2021[1] kien qed jiġi kkontestat fi proċeduri ġudizzjarji li għadhom pendenti. Titlob għalhekk illi l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 518/2023 li

[1] Kopja a fol. 31

inħareġ bis-saħħa u in segwitu ta' dik l-ittra uffiċjali għas-somma ta' €36,816,847.54 jiġi revokat u annullat għaliex skond Steward inħareġ erronjament u/jew b'abbuż tad-dritt stante illi fil-mument illi l-Kummissarju talab il-ħruġ tiegħu huwa ma kellux favur tiegħu titolu eżekuttiv u anke għaliex it-talba għall-ħruġ tiegħu saret mill-Kummissarju in *mala fede.*

8. Il-Kumissarju qed jilqa' għal dawn it-talbiet billi ressaq diversi eċċezzjonijiet, uħud minnhom ta' natura preliminari li ser jiġu trattati aktar 'l isfel qabel jiġi trattat il-mertu.

9. Opportun riassunt fil-qosor tal-fatti rilevanti li taw lok għal dawn il-proċeduri.

**Fatti Rilevanti.**

10. Fis-sena 2016 kienet ingħatat Konċessjoni ta' tlett sptarijiet, tnejn f'Malta u wieħed f'Għawdex mill-Gvern ta' Malta lil Vitals Global Healthcare Limited, Vitals Global Assets Limited u Vitals Global Healthcare Management Limited, dak iż-żmien sussidjarji tal-kumpanija Bluestone Investments Malta Limited.

11. Fit-18 ta' Frar, 2018 Steward ħadet f'idejha l-Konċessjoni tal-Isptarijiet permezz ta' trasferiment ta' ishma fil-kumpaniji imsemmija fil-paragrafu preċedenti li kellhom favur tagħhom *Services Concession Agreement* rigward żvilupp mill-ġdid, iż-żamma, ġestjoni u tħaddim tat-tlett sptarijiet imsemmija; kuntratt ta' emfitewsi temporanja datat 22 ta' Marzu, 2016, *Healthcare Services Delivery Agreement datat* 30 ta' Novembru, 2015 u *Labour Supply Agreement* datat 8 ta' Jannar, 2016.

12. L-għada, u cioe' fid-19 ta' Frar, 2018, il-Kap tal-Opposizzjoni ta' dak iż-żmien, Dr. Adrian Delia, istitwixxa kawża fejn talab lill-Qorti sabiex

tordna t-terminazzjoni tal-konċessjoni emfitewtika minħabba ksur tal-kondizzjonijiet stipulati fil-kuntratt.

13. Dwar kif daħlet fix-xena, Steward tgħid illi fis-sena 2017 il-Grupp Steward Health Care kien ġie mistieden mill-Gvern ta' Malta sabiex jieħu f'idejh il-konċessjoni tal-Isptarijiet għaliex il-konċessjoni taħt Vitals kienet waslet sabiex tikkrolla. Tgħid li fuq assigurazzjonijiet li ingħatat mill-Gvern illi l-Konċessjoni tal-isptarijiet kienet ser tiġi ristrutturata sabiex issir "bankable", hija aċċettat sabiex fi Frar 2018 Steward Healtcare International Limited akkwistat l-ishma ta' Vitals Global Healthcare Limited, Vitals Global Assets Limited u Vitals Global Healthcare Management Limited. Wara t-trasferiment tal-ishma kif imsemmi, il-kumpaniji inbidlilhom isimhom għal Steward Malta Limited, Steward Malta Assets Limited u Steward Malta Management Limited.

14. Steward tallega illi qabel dan it-trasferiment ta' ishma hija ma kellha l-ebda relazzjoni mal-azzjonisti preċedenti u ma kelliex informazzjoni dettaljata dwar kif kienu qed jitmexxew il-kumpaniji qabel akkwistat l-ishma fihom.

15. Steward tallega illi hija ma għamlitx *due diligence* qabel akkwistat l-ishma għaliex il-Gvern kien indikalha li kien hemm ċerta urġenza sabiex tieħu f'idejha l-konċessjoni tal-isptarijiet.

16. Tgħid li wara li sar it-trasferiment tal-ishma hija kkonduċiet *audit* tal-kotba tal-kumpaniji inkluż tal-kumpanija attriċi u skopriet "anomaliji serji fid-dokumentazzjoni" fejn tirrigwarda VAT. Skond Steward dawn l-anomaliji serji kienu jikkonsistu filli meta l-kumpanija attriċi kien jisimha Vitals Global Health Care Management Ltd. Kienet qed tiddikjara *output tax* anqas milli fil-fatt kien hemm sabiex jinħolqu krediti fittizji ta' VAT favur il-kumpanija. Skond Steward dan kien qed

iseħħ meta "kien hemm ammonti ta' VAT sostanzjali dovuti mill-Kumpanija lid-Dipartiment tal-VAT."

17. Tgħid illi "Kienet , fil-fatt, Steward infisha illi avviċinat lill-Kummissarju tal-Taxxi, u avżatu b'dak li kienet skopriet u bl-ammont tassew dovut f'VAT lid-Dipartiment." Tgħid Steward li minħabba f'hekk filwaqt li fil-mument li akkwistat l-ishma tal-kumpanija attriċi hija kienet murija stampa fejn il-kumpanija kellha tieħu ammont ta' refunds tal-VAT sostanzjali; wara irriżulta li "fil-verita' li kienet sitwazzjoni ferm differenti, b'somom sostanzjali f'VAT dovuti b'rabta ma' żmien il-management preċedenti ….."

18. Tgħid illi meta sabet ruħha f'dik is-sitwazzjoni fetħet negozjati mal-Kummissarju tat-Taxxi ta' dak iż-żmien, Marvin Gaerty, sabiex tara kif ser jitħallsu l-arretrati ta' VAT li kienu dovuti mis-soċjeta' attriċi. Tgħid li dawk in-negozjati bejn Steward u l-Kummissarju tat-Taxxi waslu għall-ftehim li huwa rifless f'**dokument dattilografata** fuq letterhead tal-Kummissarju tat-Taxxi datat 14 ta' Ġunju, 2021 li jaqra kif ġej:

> ***Re. Steward Malta Management Ltd.***
>
> ***I, Ernst Armin, ….. the director of Steward Malta Assets Ltd, VAT number MT23311114, agree with the balance due by the said company amounting to €30,800,063.11. This balance covers thos tax periods falling due on the 15$^{th}$ April 2021 or earlier.***
>
> ***It is hereby agreed with the Commissioner for Revenue that the company will be settling these dues with a set-off from Credits originating from a related company amounting to €4,710,383.00c, followed by quarterly payments of €511,190.13c each, made not before the end of every calendar***

***quarter, starting in Quarter 2022. This unitl the balance is fully paid.***

***Interest on the unpaid VAT element of the balance due will continue to accrue as per VAT law. It is therefore agreed that the last payment, that will not be effected later than the 31st March 2037, will also cover any residual interest accrued and still payable.***

***Furthermore, it is agreed that all the VAT returns not covered by this agreement will be submitted on time and with the full payment due.***

***I, acknowledge that this repayment agreement does not prejudice the Commissioner for Revenue's right to take the necessary legal action in case of default.***

____________________

____________________

***Ernst Armin*** ***Marvin Gaerty***

***Director*** ***Commissioner for***

***Revenue***

***Annex 1 - Repayment plan***

***Annex 2 - Letter by Steward International"***

19. Dwar dan id-dokument tgħid hekk Steward fis-sittax-il premessa tagħha fir-rikors ġuramentat:

"16. Il-Kummissarju irrikonoxxa din is-sitwazzjoni u deher li kien lest li jinnegozja ftehim dwar ħlas, tant illi f'Lulju, 2021 kien intlaħaq ftehim dwar l-ammont ta' VAT dovut u kif seta' jitħallas mill-

Kumpanija Attriċi fuq terminu ta' żmien. Minkejja diversi konfermi li dan l-arranġament kien aċċettabbli għall-Kummissarju tat-Taxxi, u minkejja l-fatt li kienet ġiet imħejjija verżjoni finali tal-ftehim **fuq letterhead tal-Kummssarju tat-Taxxi** (ara dokument anness bħala Dok SM 2) dan il-ftehim qatt ma ġie iffirmat mill-Kummissarju tat-Taxxi."

20. Kif jirriżulta mid-dokument imsemmi dan ġie iffirmata minn Ernst Armin għal Steward pero' ma ġiex iffirmata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

21. Fit-8 ta' Novembru, 2021 il-Kummissarju bgħat Avviż[2] u Statement of Taxpayer's Account[3], li jservi wkoll bħala Nota ta' Talba għall-Ħlas ai termini tal-Artikolu 59 (1) tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, isejjaħ lill-Steward sabiex tħallas ammont ta' taxxa fuq il-valur miżjud ammontanti għal sitta u tletin miljun, tmien mija u sittax-il elf, tmien mija u sebgħa u erbgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€36,816,847.54).

22. Fis-7 ta' Diċembru, 2021 Steward intavolat kawża kontra l-Kummissarju permezz ta' rikors maħluf tikkontesta l-validita' ta' dak l-Avviż *(Steward Malta Management Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxi* – rik.ġur.nru.1207/2021CFS) liema kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għat-18 ta' Frar, 2022.

23. Fit-3 ta' Jannar, 2022 il-Kummissarju ippreżenta ittra uffiċjali kontra Steward jiddikjara li permezz tagħha kien qed jirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tiegħu naxxenti mill-Avviż għall-Ħlas mibgħut preċedentement.

---

[2] Kopja a fol. 31
[3] Kopja a fol. 32

24. Fit-12 ta' Jannar, 2022 Steward ippreżentat ittra uffiċjali b'risposta fejn avżat lill-Kummissarju bil-kawża li kienet intavolata fis-7 ta' Diċembru, 2021 tikkontesta l-validita' tal-Avviż tal-Kummissarju u li l-kawża kienet appuntata għat-18 ta' Frar, 2022. Steward interpellat lill-Kummissarju sabiex sakemm l-Avviż kien qed jiġi kkontestat quddiem il-Qrati Maltin ma jieħu l-ebda azzjoni ulterjuri sabiex jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv minnu vantat. Dik l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-Kummissarju fit-13 ta' Jannar, 2022.

25. Fil-31 ta' Jannar, 2022 il-Kummissarju ikkontesta l-kawża imsemmija billi ppreżenta risposta maħlufa fejn *inter alia* ressaq l-eċċezzjoni illi l-mertu tal-kawża ma kienx ta' kompetenza tal-Prim' Awla iżda tal-Bord ta' Reviżjoni Amministrattiva.

26. B'sentenza tat-28 ta' Ottubru, 2022 il-Prim' Awla laqgħet dik l-eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju u illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju.

27. Fit-3 ta' Novembru, 2022 Steward intavolat appell minn dik is-sentenza liema appell jinsab pendenti.

28. Fl-24 ta' Frar, 2023 ġiet deċiża l-kawża istitwita minn Dottor Adrian Delia fuq imsemmija. Fis-sentensza tagħha l-Qorti ħassret u annullat il-konċessjoni emfitewtika kif ukoll il-kuntratt ta' konċessjoni tal-isptarijiet ta' Steward; liema sentenza ġiet appellata minn Steward.

29. Fis-16 ta' Marzu, 2023 Steward tat avviż ta' terminazzjoni tal-konċessjoni filwaqt li fil-21 ta' Marzu, 2023 il-Gvern ħareġ avviż ta' terminazzjoni tal-istess konċessjoni.

30. Fid-29 ta' Marzu, 2023 il-Kummissarju ippreżenta rikors u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv mertu tal-kawża odjerna bin-numru 518/23. Annetta ma' dak ir-rikors kopja tal-ittra uffiċjali tat-3

ta' Jannar, 2022 kif ukol id-dokumenti annessi magħha inkluż l-Avviż b'talba għall-Ħlas datat 8 ta' Novembru, 2021.

31. Fl-4 ta' April, 2023 Steward ippreżentat il-kawża odjerna tattakka l-validita' sew tal-ittra uffiċjali li l-Kummissarju ppreżenta fit-3 ta' Jannar, 2022 (bin-numru 4/22)[4] kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv maħruġ fid-29 ta' Marzu, 2023.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

32. Huwa aċċettat f'pajjiżi li jħaddnu sistemi demokratiċi illi l-Erarju, fil-każ tagħna l-Kummissarju tat-Taxxi, igawdi minn privileġġi statutorji mogħtija mil-leġislatur primarjament fejn jirrigwarda ġbir ta' taxxi varji u dan peress li l-pedament finanzjarju ta' kull Stat sovran jiddependi sostanzjalment minn kemm huwa effiċjenti fil-ġbir tat-taxxi dovuti.

33. Għal dan il-għan il-liġi tagħti s-setgħa lill-Kummissarju illi meta jiġi sabiex jiġbor taxxa, bħalma hija t-taxxa fuq il-valur miżjud, jirrikorri għall-proċeduri speċjali sabiex jottjeni titolu eżekuttiv li għandu s-saħħa ta' sentenza tal-qorti mingħajr il-ħtieġa li jintavola kawża quddiem il-qrati.

34. Id-deċiżżjonijiet li jieħu l-Kummissarju tat-Taxxi fit-tħadddim tal-liġijiet tat-taxxa ma humiex deċiżjonijiet ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma hux applikabbli għal dawk id-deċiżżjonijiet. Li kien hekk il-Kummissarju lanqas stima ma jkun jista' joħroġ, għax bħala parti interessata kien japplika għalih il-prinċipju li *nemo iudex in causa sua.* (ara. **Amand Paul Veranneman v.**

[4] Kopja a fol. 23 tal-proċess

**Avukat tal-Istat** - Qorti Kostituzzjonali - 12 ta' Mejju, 2022; **Ferrazzini v. Italia** - QEDB - 12 ta' Lulju, 2001[5].

35. Ngħaddu sabiex neżaminaw il-liġi prinċipali li tirregola t-taxxa fuq il-valur miżjud b'mod ġenerali u l-poteri speċjali tal-Kummissarju tat-Taxxi.

**L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) - Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta**.

36. It-taxxa fuq il-valur miżjud hija regolata primarjament bil-Kap. 406. Bis-saħħa ta' din il-liġi l-Kummissarju jista' jibda azzjoni għall-ħlas ta' kull taxxa fuq il-valur miżjud u ta' penali amministrattiva f'kull żmien matul sitt snin mid-data meta dik it-taxxa jew penali amministrattiva kellhom jitħallsu.[6]

37. It-terminu ta' sitt snin preskrizzjoni jitwaqqaf mill-Kummissarju billi jibgħat lill-kontribwent nota ta' talba għall-ħlas **(l-Avviż għall-Ħlas)** tat-taxxa dovuta. Dan l-avviż jista' jintbgħat b'posta reġistrata jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' nota fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal wieħed jew aktar ta' kuljum fejn jiddikjara li sar avviż għall-ħlas, jew b'att ġudizzjarju li jiġi preżentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iż-żmien li fih jintalab il-ħlas tal-ammont dovut.[7]

38. L-avviż għall-ħlas maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna **għandu jkun xiehda biżżejjed li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju** minn dik il-persuna u **għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv** għall-finijiet u għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta'

[5] Applikazzjoni nru. 44759/98;
[6] Art. 58 (2), Kap. 406
[7] Art. 58 (3), Kap. 406

Organizzaz-zjoni u Proċedura Ċivili li jitratta l-eskuzzjoni tas-sentenzi u titoli eżekutivi oħra. **Sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja**.[8]

39. Flimkien mal-avviż għall-ħlas jew wara l-Kummissarju jista' jibgħat **nota ta' talba għall-ħlas,** u jekk il-ħlas mitlub **ma jsirx fi żmien tletin jum** mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju **jista'** jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 59 wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi il-Kummissarju jkollu dritt li sew li jipproċedi b'mandati eżekuttivi kif ukoll billi jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju.[9]

40. Meta l-Avviż għall-Ħlas ikun skond stima magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi, il-kontribwent għandu l-jedd li jikkontesta dik l-istima quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

41. Eżaminata l-liġi applikabbli jeħtieġ illi jiġu qabel xejn ikkunsidrati l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-Kummissarju.

**L-Eċċezzjonijiet Preliminari tal-Kummissarju**.

**L-Eċċezzjoni li l-Azzjoni Attriċi hi Irritwali**.

42. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu l-Kummissarju jikkontendi illi l-azzjoni odjerna promossa minn Steward hija irritwali peress li l-liġi tipprovdi rimedju speċjali għall-impunjazzjoni ta' atti eżekuttivi permezz tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 u allura, skond il-

---

[8] Art. 59 (1), Kap. 406

[9] Art. 59 (2), Kap. 406

Kummissarju, min hu milqut b'mandat eżekuttiv maħruġ fuq talba tiegħu l-uniku rimedju disponibbli sabiex jattakka dak il-mandat huwa permezz tal-proċedura provduta bl-artikolu 281 tal-Kap. 12. Il-Kummissarju jqis illi l-Qorti għandha twarrab minn quddiemha din il-kawża peress illi skontu l-unika triq disponibbli lill-Steward sabiex tattakka l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv kienet it-triq li jipprovdi l-Artikolu 281 u l-ebda triq oħra. Triq li Steward diġa ħadet b'eżitu kontra tagħha b'deċiżżjoni tat-2 ta' Mejju, 2023, li minnha ma ġie interpost l-ebda appell.

43. Skond il-Kummissarju allura ir-rikors maħluf ta' Steward li ta bidu għal din il-kawża huwa irritwali għaliex mhux imsejjes fuq l-Artikolu 281 tal-Kap. 12.

44. Steward tirribatti billi tgħid illi r-rimedju taħt Artikolu 281 huwa rimedju li min-natura tiegħu huwa speċjali, pero' ma jeskludiex rimedji oħra, b'dan illi l-Qorti xorta jibqala' l-kompetenza li teżamina is-siwi o meno ta' titolu eżekuttiv u ta' mandati eżekuttivi fi proċeduri 'ordinarji' miftuħa b'rikors maħluf bħal dik odjerna. Tissottometti Steward illi huwa proprju għalhekk li l-Qrati matul is-snin taw interpretazzjoni restrittiva lill-Artikolu 281 tal-Kap. 12 u fl-istess ħin irrikonoxxew illi fejn it-talba għal revoka tal-mandat eżekuttiv hija msejsa fuq allegazzjoni ta' ineżistenza ta' titolu eżekuttiv, inkella xi għelt fl-istess titolu, ir-rikorrent jista' jintavola 'kawża ordinarja' b'rikors maħluf. Tqis illi dan huwa kkonfermat mid-diċitura ta' Artikolu 281 li jipprovdi illi r-rimedju speċjali hemm kontemplat huwa "mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra".

45. Sabiex il-Qorti tiddelibera dwar jekk hiex fondata din l-eċċezzjoni tal-Kummissarju jeħtieġ qabel xejn neżaminaw tajjeb dak li sewwasew qed titlob Steward fil-kawża odjerna u l-isfond fattwali relattiv.

46. **Mill-atti jirriżulta li l-Kummissarju jrid jiġbor mingħand Steward is-somma ta' €36,816,847.54 rappreżentanti, skond il-Kummissarju, Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (VAT) dovuta minn Steward għall-perijodu mill-1 ta' Mejju, 2016 sal-1 ta' Ġunju, 2021.**[10]

47. Tlett talbiet tresqu permezz tar-rikors ġuramentat promotur ta' Steward.

48. **Bl-ewwel talba Steward qed titlob li l-Qorti tiddikjara l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Jannar, 2022 ippreżentata kontra tagħha mill-Kummissarju bħala mingħajr effett minħabba l-kontestazzjoni da parti ta' Steward tal-Avviż li ppreċeda l-ittra uffiċjali u liema kontestazzjoni tresqet b'kawża numru 1207/21CFS li qegħda fi stadju ta' appell.**

49. Fir-rigward tal-ewwel talba attriċi ċertament li l-ewwel eċċezzjoni msejsa fuq Artikolu 281 ma hiex fondata. **Artikolu 281 tal-Kap. 12** jipprovdi illi mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt xi liġi, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi. **Dan l-artikolu jipprovdi dwar "atti eżekuttivi" biss tant li huwa intitolat "Kif jistgħu l-atti eżekuttivi jiġu attakkati".** L-atti eżekuttivi insibuhom elenkati **f'Artikolu 273 tal-Kap.12** li jipprovdi l-atti eżekuttivi li permezz tagħhom tista' sseħħ l-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi, fosthom il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

50. L-ittra uffiċjali tat-3 ta' Jannar, 2022 bl-ebda mod ma tista' titqies li taqa' taħt wieħed jew ieħor mill-atti eżekuttivi elenkati f'Artikolu 273 li jipprovdi lista komprensiva u finali tal-atti eżekuttivi kollha

[10] Ara l-avviż ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 a fol. 32 tal-proċess

disponibbli. **Dak li ma jaqax taħt xi wieħed mill-mandati jew sub hasta hemm elenkati ma jistax jiġi kkunsidrat bħala att eżekuttiv.**

51. L-ittra uffiċjali mertu tal-ewwel talba ma hiex att eżekuttiv, mhux biss għaliex ma hiex fil-lista ta' atti eżekuttivi kontemplati fil-Kap. 12 iżda wkoll għaliex l-istess provvediment legali li jikkontemplaha jagħmilha ċara illi l-għan tal-ittra uffiċjali ma hux li jeżegwixxi titolu eżekuttiv iżda li jrendi eżegwibbli titolu eżekuttiv diġa f'idejn il-Kummissarju.

52. Din il-linja ta' ħsieb hija konkordi ma' dak li ġie dikjarat fis-sentenza **Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. John Mousu** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-30 ta' Mejju, 2014: "Il-hrug ta' ittra ufficjali huwa pass mehtieg qabel ma jintalab il-hrug ta' att ezekuttiv (ossija mandat ezekuttiv), pero`, la hu t-titolu ezekuttiv u lanqas l-att li bih jigi enforzat dak it-titolu. Isegwi li dik l-ittra ufficjali ma tistax tigi attakkata bil-procedura ta' rikors kontemplata fl-Artikolu 281 tal-imsemmi Kap. 12."

53. In tema legali ssir referenza wkoll għas-sentenza "**Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali … fl-ismiijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Charles Borg"** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-27 ta' Jannar, 2021 fejn ġie dikjarat u riaffermat illi l-azzjoni idonea sabiex tiġi attakkata l-ittra uffiċjali kontemplata fl-Artikolu 59 (2) tal-Kap. 406 ma għandix tiġi promossa permezz ta' rikors sempliċi imma permezz ta' rikors maħluf kontemplat fl-Artikolu 161 tal-Kap. 12 u mhux allura ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12. Ikkonfermat is-sentenza tal-prim' istanza illi azzjoni promossa b'rikors sempliċi u mhux b'rikors maħluf sabiex tattakka l-validita' tal-ittra uffiċjali maħruġa bis-saħħa tal-Artikolu 59 (2) hija irritwali u nulla.

**54. Issib għalhekk illi l-azzjoni attriċi sabiex timpunja l-ittra uffiċjali maħruġa mill-Kummissarju hija azzjoni li taqa' fil-kompetenza**

**ġenerali ta' din il-Qorti u mhiux l-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kap. 12.**

Ikkunsidrat;

55. In kwantu it-tieni talba attriċi fejn qed tintalab dikjarazzjoni li l-mandat ta' sekwestru inħareġ erronjament u/jew b'abbuż tad-dritt peress li skond Steward il-Kummissarju ma kienx igawdi minn titolu eżekuttiv kontra tagħha, il-Qorti ssib illi tali talba ma taqax strettament fil-parametri tal-Artikolu 281. Inżamm illi l-proċedura taħt l-Artikolu 281 hija ntiża sabiex tattakka s-siwi tal-mandat u mhux l-eżekużżjoni tiegħu. (Provvediment tal-Prim' Awla datat 20 ta' Ġunju, 2012 fl-atti tal-mandat ta' qbid eżekuttiv nru. 1817/11MB u 1818/11MB fl-ismijiet **Victor Fenech v. Anthony Fountaine**.).

56. Fuq l-istess vena l-provvediment tal-istess Qorti fl-ismiijiet **Edward Pavia v. Michael Sultana** tal-5 ta' Mejju, 2005:

> Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezemi tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg (ara: "**Briffa vs Stones Properties Ltd. noe**": Appell: 1.12.2000: Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401; "**K.T.I. vs Serge**": 25.5.2001: Appell: Kollez. Vol: LXXXV.ii.414) Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283

jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;

57. Din il-Qorti tqis illi l-kawżali li fuqhom qed issejjes it-talbiet tagħha Steward imorru lil hinn mill-parametri stretti tal-Artikolu 281 għaliex huma marbuta mal-mertu li bis-saħħa tiegħu inħareġ il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni promossa minn Steward ma hi kolpita minn ebda irritwalita'.

58. **Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza fuq ċitata l-Qorti ssib illi l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju dwar l-irritwalita' tal-azzjoni attriċi ma hiex fondata u qed tiġi miċħuda.**

**L-Eċċezzjoni tal-Lis Alibi Pendens.**

59. Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu il-Kummissarju jilqa' għat-talbiet attriċi billi jressaq l-eċċezzjoni tal-***lis alibi pendens*** peress illi fiż-żmien li tresqet din l-eċċezzjoni kien hemm pendenti l-kawża 353/2023GG fejn ukoll intalab it-tħassir tal-istess mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

60. **L-eċċezzjoni ta'** ***lis alibi pendens*** hija regolata bl-**Artikolu 792 tal-Kap. 12** li jipprovdi illi "Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra." Huwa paċifiku illi sabiex jirriżultaw l-estremi ta' *litis pendentia* jeħtieġ li jkun hemm mhux biss żewġ kawżi bejn l-istess partijiet u fuq l-istess suġġett; iżda wkoll irid ikun hemm l-istess talbiet (**Crocifissa Sammut et v. Joseph Spiteri** - Appell Superjuri - 10 ta' Ottubru, 2003).

61. Kawża numru 353/2023GG kienet fl-istess ismijiet bħal dik odjerna b'talba għar-revoka tal-istess mandat ta' sekwestru bin-numru 518/2023 filwaqt li fil-kawża odjerna qed jintalab ukoll dikjarazzjoni li l-ittra uffiċjali in segwitu għall-avviż għall-ħlas ma għandha l-ebda effett.

62. Dik il-kawża ġiet deċiża fil-mori ta' dawn il-proċeduri **b'digriet tat-2 ta' Mejju, 2023** fejn it-talba ta' Steward ġiet miċħuda.[11] Fil-konsiderazzjonijiet tagħha li waslu għaċ-ċaħda tat-talba ta' Steward taħt Artikolu 281 dik il-Qorti qalet hekk fost l-oħrajn:

> "... hija l-fehma ta' din il-Qorti li t-talba tas-socjeta' rikorrenti hija destinata li tfalli stante li hija radikata minn nuqqas taghha li taghmel distinzjoni bejn il-Mandat li qed titlob ir-revoka tieghu u dak li wassal sabiex il-Kummissarju tat-Taxxi ottjena t-Titolu Ezekuttiv tieghu. La darba l-Mandat huwa rizultat dirett tat-Titolu Ezekuttiv ottenut bi procedura separata, filwaqt li l-istess mandat jista' jkun attakkat bl-artikolu 281, dak li irradikah jista' jkun attakkat permezz ta' proceduri ad hoc 'l hinn mill-portata tal-istess artikolu, kif fil-fatt ghamlet is-soċjeta' rikorrenti bir-rikors maħluf fuq imsemmi (dak odjern) u li ghadu ma ghaddiex in gudikat.
> 10. B'hekk jirrizulta illi bir-rikors odjern s-socjeta rikorrenti Steward qed tattakka l-validita' tal-Avviz (jigifieri dak li jirradika t-titolu Ezekuttiv) sia b'dan ir-rikors kif ukoll bir-rikors mahluf filwaqt illi l-artikolu 281 huwa intiz biss sabiex il-Qorti tissindika xi difett fil-mandat bhal meta dan ikun mahrug mill-Qorti l-hazina, ......
> 11. Minn ezami tal-atti, imkien ma tirrizulta xi allegazzjoni ta' difett fl-Avviz, fl-Ittra Ufficjali qua att gudizzjarju rikjest in segwitu ghall-Avviz jew mill-Mandat ta' Sekwestru nnifsu......"

63. Il-Qorti għalhekk iddeċidiet illi ma kelliex tinvesti l-mertu tal-vertenza safejn kien identiku għall-dak tal-kawża odjerna għaliex qieset li ma kienx jaqa' fil-parametri ta' azzjoni taħt Artikolu 281.

64. Fil-fehma ta' din il-Qorti, bil-fatt biss li dik il-kawża ġiet deċiża u minnha ma sar l-ebda appell, ingħalaq il-kapitolu fuq din l-eċċezzjoni

[11] Kopja a fol. 218 tal-proċess

għaliex ma tistax tikkonsidra l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* jekk ma jkunx hemm kawża oħra pendenti. Abbinat dan mal-ġurisprudenza li trid illi f'kawża taħt Artikolu 281 il-Qorti hija tenuta li tillimita ruħha li tara jekk il-mandati eżekutivi attakkati għandhomx difetti fil-forma aktar milli fis-sustanza; **tqis illi ma jirriżultawx l-estremi tal-*lis alibi pendends.***

65. Tqis ukoll illi l-konvenut ma żammx ma' dak minnu dikjarat fir-risposta ġuramentata tiegħu illi jekk il-kawża taħt Artikolu 281 tiġi deċiża definittivament fil-mori tal-kawża odjerna, allura jressaq l-eċċezzjoni tal-ġudikat.

66. **Il-Qorti għalhekk qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Lis Alibi Pendens imressqa mill-Kummissarju.**

<u>**L-Eċċezzjoni illi l-Kummissarju huwa vestit b'Titolu Eżekuttiv**</u>.

67. Permezz tat-tielet eċċezzjoni tiegħu l-Kummissarju jgħid illi t-talbiet attriċi ma għandhomx jintlaqaw peress li huwa vestit b'titolu eżekuttiv fil-konfront ta' Steward bis-saħħa tal-**Artikolu 59 tal-Kap. 406** u li l-eżistenza ta' xi kontestazzjoni fil-konfront ta' dak it-titolu eżekuttiv ma jnaqqas xejn mill-eżegwibilita' tiegħu sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni definittiva kuntrarja.

68. **Artikolu 59 (2) tal-Kap. 406 jipprovdi illi Avviż għall-Ħlas maħrug mill-Kummissarju "jikkostitwixxi titolu eżekuttiv" "sakemm ma tinġibx prova kuntrarja".**

69. Leġittima f'dan l-istadju d-domanda jekk mal-ħruġ tiegħu <u>l-Avviż għall-Ħlas</u> li jibgħat il-Kummissarju tat-Taxxi huwiex Titolu Eżekuttiv mill-ewwel mumenti li jinħareġ u f'każ affermattiv jekk huwiex hekk f'kull każ.

70. Steward tikkontendi illi l-frażi "sakemm ma tinġibx prova kuntrarja" għandha tfisser illi jekk l-Avviż għall-Ħlas jiġi kkontestat, kif qed tagħmel fil-preżent hi f'kawża oħra pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, allura l-Avviż għal-Ħlas ma għandux is-saħħa ta' titolu eżekuttiv. Steward tikkontendi illi dan l-istat ta' non-eżekuttivita' għandu jipperdura sakemm tiġi deċiża definittivament il-kawża imsemmija. Tgħid illi fil-każ odjern il-prova kuntrarja kontemplata fil-liġi hija l-eżitu finali fejn qed tattakka l-validta' tal-Avviż għall-Ħlas u li sakemm għadha pendenti l-ebda titolu eżekuttiv ma hemm fil-konfront tagħha.

71. Il-Kummissarju min-naħa l-oħra jikkontendi illi l-użu fl-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-kelma "prova" u mhux "evidenza" turi l-ħsieb tal-leġislatur li huwa biss wara li jkun hemm deċiżżjoni ta' qorti li jista' jiġi kkunsidrat li hemm prova kuntrarja.

Ikkunsidrat;

72. **Artikolu 59 (1) tal-Kap. 406** jipprovdi illi:

> 1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzaz-zjoni u Proċedura Ċivili

73. **Artikolu 43 tal-Kap. 406** jipprovdi illi kull persuna li tħoss ruħha aġġravata bi stima li tiġinotifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal.Kull persuna li tħoss ruħha

aġġravata bi stima li tiġinotifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal.

74. Kif rajna, il-partijiet qed jagħtu interpretazzjonijiet kontrastanti u dijametrikament opposta għal xulxin fir-rigward tal-liġi applikabbli speċjalment dwar Artikolu 59 fuq ċitat. Dwar l-interpretazzjoni ta' liġijiet fiskali, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **The Margarine Import Company Limited v. Kontrollur tad-Dwana** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-3 ta' Ottubru, 2003:

> "Issa fuq din il-kwestjoni tal-kuncett interprettativ tal-materja, minn dak kaptat f' xi sentenzi, jidher li kien hemm zmien fejn l-interpretazzjoni tal-ligijiet fiskali kienet x' aktarx illi fid-dubju l-ligi ghandha tigi interpretata favur il-kontribwent. ("**Brigadiere Generale Harry Simonds de Brett nomine –vs- James Turner nomine**", Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Marzu 1933); Din l-istess sentenza giet revokata fl-Appell (16 ta' Frar 1934 a Vol. XXVIII P I p 523) billi gie rilevat illi din l-interpretazzjoni la ghandha tkun favur jew kontra l-kontribwent, u lanqas favur jew kontra l-erarju, imma l-ligijiet tributarji ghandhom jigu interpretati skond ir-regoli soliti u normali ta' l-ermenewtika grammatikali u logika. ("**Farrugia –vs- Agius",** Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' April 1949; "**Albert Mizzi nomine vs- Anthony Camilleri nomine",** Appell, Sede Inferjuri, 3 ta' Gunju 1961)";

75. Fl-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet varji tal-Kap. 406 jeħtieġ qabel xejn illi jinżammu distinti minn xulxin il-proċess sabiex jiġi stabbiliti il-VAT dovuta fuq naħa, u l-proċess sabiex tinġabar il-VAT dovuta. Dawn huma żewġ proċessi distinti u separati minn xulxin. Fundamentali f'kull konsiderazzjoni fir-rigward tal-VAT li jiġi l-ewwel u qabel kollox identifikat jekk il-VAT reklamata mill-Kummissarju

hijiex riżultat ta' dak dikjarat fid-denunzja magħmula mill-kontribwent; jew inkwlla hiex ir-riżultat ta' nuqqas ta' kontribwent li jippreżenta denunzja jew ippreżenta denunzja fil-fehma tal-Kummissarju żbaljata, li jwassal għal stima tal-ammont ta' VAT li skond il-Kummissarju jkun dovut mill-kontribwent. Kif ser naraw Avviż għall-Ħlas naxxenti minn denunzja għandu ħajja diversa minn Avviż għall-Ħlas naxxenti minn stima tal-VAT magħmula mill-Kummissarju.

76. Ta' rilevanza massima għall-mertu tal-kawża odjerna hija s-sentenza **Joseph Grima v. Id-Diretttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-26 ta' Ottubru, 2022) fejn jingħad kif isegwi:

> 9. Trid issir distinzjoni bejn it-Taqsima V tal-Kap. 406 (il-fażi fejn tiġi stabbilita t-taxxa dovuta mill-persuna taxxabbli), u t-Taqsima VIII tal-istess Kap. (il-fażi tal-ġbir). Skont l-Artikolu 27 tal-Kap. 406 huwa l-obbligu ta' kull persuna reġistrata taħt l-Artikolu 10 tal-istess li tagħmel denunzja lill-Kummissarju (qabel id-Direttur Ġenerali VAT) għal kull żmien ta' taxxa sa mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara x-xahar li matulu jintemm iż-żmien ta' taxxa relattiv. Meta ma ssirx dik id-denunzja, il-Kummissarju jista' minn jeddu jagħmel stima skont l-Artikolu 31 tal-Kap. 406. Meta d-denunzja ssir, iżda l-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li denunzja ma jkunx fiha dikjarazzjoni sħiħa u korretta tal-informazzjoni meħtieġa, jista' jagħmel stima proviżorja u eventwalment stima a tenur tal-Artikolu 32 tal-Kap. 406. F'każ ta' stima ġenerata mill-Kummissarju, il-Kap. 406 jagħti lill-persuna taxxabbli l-jedd ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Artikolu 43) u mis-sentenza kull parti jkollha dritt ta' appell fil-

Qorti tal-Appell fuq punt ta' liġi (Artikolu 47). Fejn stima ta' taxxa ma ssirx mill-konvenut u t-taxxa dovuta hija dik dikjarata mill-persuna taxxabbli, ovvjament ir-rimedju ta' appell ma jeżistix.[12] Dan għar-raġuni ovvja li ma jagħmel l-ebda sens li taxpayer jikkontesta dikjarazzjoni tiegħu stess. F'każ li taxpayer jintebaħ li għamel żball fid-dikjarazzjoni, għandu jippreżenta formola ta' aġġustament. Fejn m'hemmx stima, iżda tqum kwistjoni dwar l-impożizzjoni tal-penali amministrattivi (ara paragrafu (k) tal-Art. 44), taxpayer għandu r-rimedju li jagħti l-Artikolu 44. Stabbilita t-taxxa dovuta, japplikaw imbagħad iddispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII dwar il-ġbir.

10. Ladarba l-Kummissarju m'għamilx stima fir-rigward tal-perjodi fiskali in kwistjoni u anzi aċċetta d-denunzji li bagħat l-attur, kull argument tal-attur relatat ma' stimi u appelli hu rrilevanti. Kif diġa` ngħad aktar 'il fuq, ma jagħmel l-ebda sens li persuna taxxabbli tikkontesta dak li hi stess tkun iddikjarat fid-denunzja. F'dan il-każ aġġustamenti ma sarux (Art. 28). Il-ħlas li jippretendi l-konvenut jikkonsisti f'taxxa u imgħax. Li l-attur jevita milli jgħid hu li t-taxxa dovuta li hu stess iddikjara bħala dovuta u li s'issa għadu ma ħallasx minkejja li jkun ġabar il-VAT mingħad it-terzi.

[...]

13. F'subinċiż (1) (tal-Art.49) jingħad f'hix jikkonsisti t-titolu eżekuttiv filwaqt li subinċiż (2) jipprovdi għall-proċedura sabiex it-titolu eżekuttiv isir eżegwibbli. L-istatement of taxpayer's account mehmuż mal-ittra tal-Kummissarju ….. hu avviż li juri l-

[12] Sottolinear ta' din il-qorti

ammont ta' taxxa dovuta u li ġie notifikat lill-attur, u hu titolu eżekuttiv skont dik id-dispożizzjoni."

77. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat illi fejn ma ssirx mill-Kummissarju stima ta' taxxa fuq il-valur miżjud u t-taxxa dovuta hija dik dikjarata mill-persuna taxxabbli, ir-rimedju ta' appell ma jeżistix għaliex ma hux kontemplat fil-liġi.

78. Fejn ma hemmx stima u allura l-VAT huwa kalkolat skond id-denunzji tal-istess taxpayer pero' fl-istess ħin tqum kwistjoni dwar l-imposizzjoni tal-penali amministrattivi, it-taxpayer għandu r-rimedju li jagħti Artikolu 44 (k) tal-Kap. 406 billi jirrikorri quddiem it-Tribunal tar-Reviżżjoni Amministrattiva dwar il-kwistjoni tal-penali biss. Iżda fil-frattemp it-titolu eżekuttiv f'idejn il-Kummissarju dwar il-VAT dovuta skond id-denunzji tal-kontribwent ma hu bl-ebda mod mittiefes, kien u jibqa eżegwibbli u l-Kummissarju jista' jipproċedi bl-atti eżekuttivi sabiex jiġbor il-VAT dovuta allavolja l-quantum tal-penali jkun qed jiġi kkontesat.

79. Kieku l-ħsieb tal-leġislatur f'Artikolu 59 kien skond l-interpretazzjoni mogħtija minn Steward, il-kliem użat fl-Artikolu 59 (2) kien ikun ben divers; bħal per eżempju kif insibu f'**Artikolu 466 tal-Kap. 12** li jipprovdi dwar proċedimenti għall-ħlas ta' krediti favur il-Gvern. Fejn dikjarazzjoni ġuramentata ta' kap ta' dipartiment tal-Gvern takwista s-saħħa ta' titolu eżekuttiv biss jekk ma tiġiex kontestata fit-termini provduti fil-liġi. Difatti s-sub inċiż 2 tal-Art. 466 jipprovdi illi d-dikjarazzjoni ġuramentata tal-kap tad-dipartiment għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqs li kieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors quddiem il-

qorti li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata u dan mingħajr ebda restrizzjoni fir-rigward tal-kontestazzjoni.

80. Pero' f'Kap 406 ma nsibu l-ebda provvedimenti li jagħti lit-taxpayer dritt ta' kontestazzjoni dwar avviż għall-ħlas li jirrifletti l-ammonti denunzjati mit-taxpayer stess. Tapplika hawn fil-fehma ta' din il-Qorti il-massima legali '*Ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit'* u cioe' fejn il-liġi trid tipprovdi tgħidu; fejn ma tkunx trid tipprovdi ma tgħidux. F'tali ċirkostanza ma hux mogħti lill-organi ġudizzjarji is-setgħa li f'kawża joħolqu regola bejn il-partijiet li ma ssibx il-promulgazzjoni tagħha fil-liġi.

81. Il-liġi fiskali min-natura tagħha hija liġi ta' ordni pubbliku u fil-fehma tal-Qorti għandha tingħata interpretazzjoni stretta.

**82.** Saħansitra inżamm f'sentenza mogħtija fil-passat remot illi anke fejn hemm id-dritt ta' appell minn kont tat-taxxa, f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-Erarju għandu l-jedd li xorta jipproċedi għall-ġbir tat-taxxa nonstante li l-kawża ta' kontestazzjoni tkun għadha pendenti. Dan il-każ ġie riportat fix-xogħol ta' **Dr Robert Attard** intitolat "**An Introduction to Income Tax Theory**"[13] fejn jiċċita sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 1971 indikata bħala **Każ nru. 83** u jispjega illi: "The Court ratified the Commissioner's power to collect tax *pendente lite* in cases when it had reasons to fear that taxpayer may leave the island. The exercise of ths said power was not held to amount to a denial of the right of objection or appeal." Dr. Attard jagħti wkoll il-fehma illi fil-kuntest ta' taxxa l-Kummissarju tat-Taxxi m'għandux obbligu legali li jidħol f'diskussjonijiet mat-*taxpayer* dwar l-ammonti minnu reklamati bħala taxxa.

[13] *Agenda Publication*, First Edition 2005, paġna 278

83. Minn eżami tal-liġi applikabbli jirriżulta illi meta l-Kummissarju tat-Taxxi joħroġ Avviż għall-Ħlas dwar arretrati ta' VAT maħduma mhux skond stima iżda skond dikjarazzjoni tal-istess tax payer, dak l-Avviż għall-Ħlas għandu s-saħħa ta' Titolu Eżekuttiv. F'dawk iċ-ċirkostanzi il-liġi ma tikkontempla l-ebda dritt ta' appell bħalma tikkontempla fil-każ ta' Avviż għall-Ħlas maħruġ fuq stima tal-Kummissarju. F'dan l-aħħar każ hemm il-jedd ta' appell li jikkontesta l-istima magħmula mill-Kummissarju; u sakemm jiġi deċiż dak l-appell il-Kummissarju ma jgawdix titolu eżekuttiv.

84. Pero' meta l-Avviż għall-Ħlas huwa għall-ammont ta' VAT li t-taxpayer stess iddikjara li hi dovuta, bħalma hu fil-każ odjern, l-Avviż għall-Ħlas għandu s-saħħa ta' titolu eżekuttiv u s-saħħa eżekutiva tiegħu hija b'saħħitha daqs dik ta' sentenza finali.

85. Fiċ-ċirkostanzi fejn l-ammont reklamat mill-Kummissarju fl-Avviż għall-Ħlas ma hux stima iżda VAT verament dovuta kull ma jkun jonqos sabiex il-Kummissarju jipproċedi bl-atti eżekutivi kontemplati fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa li l-ewwel iħalli 30 jum jgħaddi mill-Avviż għall-ħlas sabiex jagħti l-opportunita' li dak li jkun iħallas mingħajr il-ħtieġa ta' azzjonijiet eżekutivi. Jekk jgħaddu t-tletin jum inutilment il-Kummissarju jista' jgħaddi sabiex jippreżenta ittra uffiċjali ħalli jirrendi dak it-titolu eżekuttiv eżegwibbli u minn jumejn wara n-notifika tagħha 'il quddiem jista' jipproċedi sabiex jiġbor il-ħlas dovut permezz ta' atti eżekutivi fosthom il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv mertu tal-kawża odjerna.

86. Il-proċuduri li istitwit Steward f'kawża oħra (Rik Gur 1207/21CFS) ma humiex kontemplati f'Kap. 406. Bl-ebda mod għalhekk ma jista' jitqies li dawk il-proċeduri ixellfu it-titolu eżekuttiv li l-Kummissarju għandu fil-konfront ta' Steward bis-saħħa tal-Avviż għall-Ħlas tat-8 ta' Novembru, 2021 segwit b'ittra uffiċjali tat-3 ta' Jannar,2022.

87. Huwa biss appell tat-taxpayer mill-Avviż għall-Ħlas bażat fuq stima tal-VAT magħmula mill-Kummissarju, li ma jħallix Avviż għall-Ħlas jieħu s-saħħa ta' titolu eżekuttiv.

88. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti sabiex tiddetermina l-eżistenza o meno ta' titolu eżekuttiv f'idejn il-Kummissarju kontra Steward dwar arretrati ta' VAT jeħtieġ li jmorru l-ewwelnett għall-oriġini tal-ammont ta' VAT reklamat mill-Kummissarju.

89. Hija determinanti fir-riżoluzzjoni tal-vertenza li għandna quddiemna li jiġi fl-ewwel lok stabbilit jekk l-ammont ta' aktar minn 36 miljun Ewro pretiżi mill-Kummissarju tat-Taxxi kontra Steward joriġinawx minn stima magħmula mill-Kummissarju jew inkella minn dikjarazzjonijiet magħmula minn Steward.

90. Mill-provi dokumentarji ppreżentati mill-istess Steward jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju illi l-maġġorparti tas-somma ta' €36,534,160.59 li dwarha l-Kummissarju qed jipproċedi kontra Steward b'atti eżekutivi, ma ha hux ammont ibbażat fuq stima tal-Kummissarju imma huwa ammont li jirriżulta minn informazzjoni li l-istess Steward tat lill-Kummissarju fir-rigward tal-arretrati ta' VAT minnha dovuti lill-Kummissarju fuq medda ta' ħames snin bejn l-1 ta' Mejju, 2016 u l-1 ta' Ġunju, 2021 (ara Statement of Taxpayer's Account a fol. 32).

91. Mill-ammont ta' €36,534,160.59 jirriżulta illi €32,948,305.26 minnhom huma taxxa tal-VAT filwaqt li €3,484,059.98 huma imgħax akkumulat. Għall-perijodu kollu il-penali amministrativa imposta hija fis-somma ta' €384,482.30.

92. Apparti l-imgħax u l-penali amministrativa; it-taxxa tal-VAT dovuta ta' kważi 33 miljun ewro tirriżulta minn dikjarazzjonijiet ta' Steward

stess. L-evidenza kollha turi illi Steward aċċettat illi hija għandha tagħti lill- Kummissarju s-somma imsemmija bħala VAT. L-aqwa prova huwa dokument iffirmat minn Armin Ernst, fil-kwalita' tiegħu ta' direttur ta' Steward datat 14 ta' Ġunju, 2021, liema dokument ġie ċitat kollu kemm hu aktar qabel. Kif rajna, Armin Ernst iddikjara mingħajr mezzi termini illi kien hemm €30,800,063.11 f'arretrati ta' VAT dovuti lill-Kummissarju għall-perijodu li kien jagħlaq fil-15 ta' April, 2021.

93. Li l-ammont reklamat huwa riflessjoni tad-denunzji ta' Steward jirriżulta mix-xhieda ta' **Joseph Attard, Senior Manager fil-Collection Section fid-Dipartiment tat-Taxxi**.[14] Xhed illi f'dan il-każ ma kienx hemm stimi ta' VAT involuti peress li dwar VAT dovuta il-Kummissarju qagħad fuq id-denunzji ppreżentati minn Steward, "… dak li hu dovut huwa dak li ddikjaraw huma".

94. Ġiet ukoll ippreżentata t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' **Manfred Barbara, direttur sezzjoni tad-direttorat tal-ġbir tat-taxxi**.[15] Ikkonferma li kienu bdew diskussjonijiet ma' Steward fi Frar tas-sena 2021 Huwa spjega illi kien involut fid-diskussjonijiet dwar l-arretrati ta' VAT li kellhom jitħallsu minn Steward. Ikkonferma li ra l-abbozz tal-ftehim pero' l-ftehim qatt ma ġie ffirmat. Jgħid illi wara dawk id-diskussjonijiet li waslu għall-abbozzar tal-ftehim, suppost Steward kellha tħallas b'mod rateali l-arretrati ta' VAT dovuti għall-passat ammontanti għal circa 33 miljun ewro; filwaqt li tibda tkun puntwali sew fil-preżentata tar-returns tal-VAT kif ukoll fil-ħlas tal-VAT. Ix-xhud spjega illi Steward mill-ewwel ma onoratx il-ftehim,:

> "Dan ma sarx ghax the next return kienet due fifteenth July, mela l-agreement kien dated fourteenth June two thousand

[14] A fol. 358 et. seq. xhieda mogħtija fil-kawża Rikors Maħluf nru 1272/21NC Av Dr Joseph Camilleri noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxi.
[15] A fol. 369 et. seq. xhieda mogħtija fil-kawża Rikors Maħluf nru. 1272.21NC.

and twenty one, next return kienet due fifteenth July two thousand and twenty one. Daħlet ir-return pero' ma tħallsitx.

Kien hemm return oħra sussegwentement f'Ottubru li wkoll daħlet ir-return pero' ma tħallsitx, allura ahna we deemed this li qatt ma beda dan l-agreement bazikament, ghaliex il-pagamenti fl-agreement …. Kienu ser jibdew fi quarter future fit-two thousand and twenty one, …… all future returns to be paid on time, jigifieri ma bediex ghax pjuttost lanqas ghadda xahar, ….. ma hallsux ir-return kurrenti ta' dak ix-xahar."

95. Ġiet ippreżentata wkoll it-**testimonjanza li Armin Ernst** , direttur ta' Steward, ta fi proċeduri minnu istitwiti kontra l-Kummissarju tat-Taxxi. Xhed dwar il-laqgħat li huwa kellu sew mal-Kummissarju tat-Taxxi Marvin Gaerty kif ukoll ma' Manfred Barbara. Jgħid illi l-ftehim dwar l-arretrati ta' VAT dovut minn Steward kien intlaħaq magħhom pero' il-Kummissarju tat-Taxxi baqa' ma ffirmax il-ftehim.

96. Jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi waqt in-negozjati ta' bejn il-partijiet il-kwistjoni li qamet bejn Steward u l-Kummissarju ma kenitx dwar jekk l-ammont hux dovut imma dwar jekk Steward għandiex tingħata żmien sabiex tħallas dak l-ammont. Mid-dokumenti ppreżentati minn Steward jirriżulta illi hija kienet qed titlob li tingħata sal-31 ta' Diċembru, 2037 sabiex taqta' l-arretrati kollha filwaqt li fl-istess ħin tkun puntwali fid-denunzji futuri u fil-ħlas tal-VAT relattiv.

97. Mill-atti jirriżulta wkoll illi fis-sena 2021 Steward kienet lesta li tħallas is-somma ta' €30,800,063 arretrati ta' VAT b'rati ta' żewġ miljun ewro fis-sena b'effett minn Lulju 2021. Pero' jidher li ftehim aħħari baqa' ma ntlaħaqx għaliex fuq l-abbozz hemm biss il-firma ta' Ernst Armin iżda mhux tal-Kummissarju tat-Taxxi.

98. Dak id-dokument bil-firma ta' Armin Ernst huwa xhieda illi sa Ġunju 2021 Steward ammettiet illi kellha arretrati ta' VAT dovuti lill-Kummissarju fis-somma ta' €30,800,063.11. Intrabtet illi tħallas dak l-ammont b'circa nofs miljun ewro kull tlett xhur bi dritt tal-Kummissarju li jekk ma tonorax dawk il-pagamenti l-Kummissarju jieħu l-azzjoni legali neċessarja sabiex jiġbor dak dovut. Bil-fatt li l-Kummissarju ma kkonkludiex ftehim b'dawk it-termini ma jfissirx illi f'daqqa waħda l-Avviż għall-Ħlas tal-VAT mibgħut lil Steward ma baqax iġorr is-saħħa ta' Titolu Eżekuttiv.

**99. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fin-nuqqas ta' sentenza li tħassar l-Avviż għall-Ħlas tal-VAT maħruġ mill-Kummissarju kontra Steward, dak l-avviż jikkostitwixxi titolu eżekuttiv reż eżegwibbli bis-saħħa tal-ittra uffiċjali li l-Kummissarju ippreżenta kontra Steward u li ġiet debitament notifikata. Dak l-Avviż għall-Ħlas jibqa' titolu eżekuttiv f'idejn l-Erarju bid-dritt li jitlob l-eżekuzzjoni tiegħu bis-saħħa tal-atti eżekuttivi li jipprovdi Kap. 12; nonostante li hemm proċeduri ġudizzjarji pendenti fejn qed jiġi kkontestat l-Avviż għall-Ħlas; proċeduri li ma humiex kontemplati fil-Kap. 406.**

**100. Għaldaqstant it-tielet eċċezzjoni tal-Kummissarju qed tiġi milqugħa.**

**<u>L-Allegazzjoni ta' Steward li l-Kummissarju agixxa in Mala Fede</u>.**

101. Steward qed titlob ukoll li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv għandu jiġi mħassar għaliex tallega li inħareġ b'mala fede. Tgħid illi l-mala fede timmanifesta ruħha meta kienet laħqet ftehim bil-fomm mal-Kummissarju sabiex tħallas l-arretrati permezz ta' pagamenti rateali pero' l-Kummissarju reġa lura mill-ftehim verbali milħuq.

Tgħid illi hija ġiet ingannata meta daħlet għall-konċessjoni tal-isptarijiet u ma kenitx taf illi kien hemm dawk il-miljuni kollha ta' ewros f'arretrati ta' VAT. Tgħid illi l-Kummissarju għażel il-mument li ingħatat is-sentenza li rrexxindiet il-kuntratt tagħha tal-isptarijiet sabiex jippreżenta kontra tagħha mandat ta' sekwestru eżekuttiv għal fuq minn 36 miljun ewro. Tgħid li dan kollu huwa in *mala fede* u raġuni oħra għaliex il-Qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

102. Il-Kummissarju min-naħa tiegħu jiċħad li aġixxa in *mala fede*. Jgħid illi l-allegazzjoni li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv inħareġ in mala fede hija allegazzjoni bla bażi. Jgħid illi fil-maġġorparti tiegħu ir-rikors promotur huwa msejjes fuq narrativa li ma għandha l-ebda rilevanza għall-mertu ta' dawn il-proċeduri li juru illi dan huwa rikors frivolu u vessatorju. Jgħid illi huwa għandu dritt jippreżenta mandat eżekuttiv fi kwalunkwe ħin mingħajr l-ebda kundizzjoni jew limitazzjoni u ma jistax jingħad f'dan il-każ li l-mandat inħareġ sabiex jikkawża dannu u ħsara.

103. Il-Kummissarju jikkontendi illi ħass li kellu jipproċedi bil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu, jenforza t-titolu eżekuttiv tiegħu kontra Steward u sabiex b'effett tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv il-ħlasijiet dovuti jiġu depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

104. Bħala punt tat-tluq dwar dan l-aspett tal-vertenza fejn qed jiġi allegat minn Steward il-*mala fede* da parti tal-Kummissarju, il-Qorti tibda billi tissottolinea illi għall-finijiet tal-Kap. 406 is-soċjeta' attriċi qua persuna ġuridika fil-vesti ta' kontribwent jew taxpayer kienet u baqgħet l-istess persuna ġuridika reġistrata mal-Malta Business

Directory bin-numru C-70624. Baqgħet l-istess persuna ġuridika meta l-ishma ġew trasferiti minn Bluestone lil Steward; u baqgħet l-istess persuna ġuridika meta bidlet isimha minn Vitals għal Steward. B'dawn il-kambjamenti, ir-responsabbiltajiet fiskali tad-diretturi inbidlu mal-bidla tad-diretturi; iżda r-responsabbilta' fiskali ta' Steward qua kumpanija b'responsabbilta' limitata u b'personalita' ġuridika distinta mill-membri tagħha baqgħet immutata.[16]

105. It-tieni osservazzjoni li tagħmel il-Qorti hi illi skond l-Avviż għall-Ħlas datat 8 ta' Novembru, 2021 mibgħut mill-Kummissarju lil Steward bażat fuq denunzji tal-istess Steward, il-Kummissarju qed jipproċedi sabiex jirkupra taxxa fuq il-valur miżjud li fil-maġġorparti tagħha Steward ġabret mingħand terzi u naqset milli tgħaddiha lill-Kummissarju.

106. Il-Qorti tosserva wkoll illi tenut kont li Steward ħadet f'idejha l-Konċessjoni tal-Isptarijiet fit-18 ta' Frar, 2018, ifisser skond il-prospett dwar arretrati ta' VAT illi mill-ewwel jum li ħadet f'idejha l-Konċessjoni, Steward qatt ma ħallset VAT lill-Kummissarju. L-arretrati ta' VAT minn Gunju 2016 sa Frar 2018 huma ta' circa tlett milun ewro (€3,000,000). L-arretrati ta' VAT minn Frar 2018 sa Gunju 2021 dovuti minn Steward lill-Kummissarju jammontaw għal circa tletin miljun ewro (€30,000,000), għaxar darbiet aktar mill-perijodu preċedenti.

107. Skond l-abbozz tal-ftehim fuq riferut iffirmat biss minn Armin Ernst kif ukoll mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-Kummissarju tat-Taxxi jirriżulta illi l-Kummissarju kien lest li jikkonċedi lil Steward dilazzjoni tista' tgħid ġeneruża ħafna tat-terminu għall-ħlas tal-arretrati tal-VAT bil-kondizzjoni li l-pagamenti rateali mifthema jsiru puntwalment u li l-VAT minn dakinhar 'il quddiem tibda titħallas ukoll puntwalment. Ir-rappreżentanti tal-Kummissarju tat-Taxxa xhedu illi

[16] ara ***Principles of Maltese Company Law*** - Profs. Andrew Muscat - UOM 2007 Ed. Paġ.170

dan il-ftehim verbali inkiser mill-ewwel da parti ta' Steward u kien għalhekk illi l-Kummissarju ma ffirmaħx.

**108. F'dan ix-xenarju l-Qorti ma tarax illi tista' ssib *mala fede* fl-aġir tal-Kummissarju tat-Taxxi. Bil-fatt biss illi l-Kummissarju għadda sabiex jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu sabiex jiġbor 'il fuq minn sitta u tletin miljun ewro f'arretrati ta' VAT wara li ġiet deċiża l-kawża li rrexxindiet il-kuntratt tal-isptarijiet immexxija minn Steward, ma jissarrafx f'*mala fede* kif qed tallega Steward u lanqas twassal għan-nullita' tal-atti eżekutivi maħruġa fuq talba tal-Kummissarju sabiex jiġbor l-arretrati ta' VAT dovuti minn Steward, ammonti kalkolati fuq id-dikjarazzjoni ta' Steward stess.**

**109. Għaldaqstant issib bħala infondata l-ewwel talba ta' Steward sabiex il-Qorti tiddikjara mingħajr effett l-ittra uffiċjali ippreżentata mill-Kummissarju fit-3 ta' Jannar, 2022 u konsegwentement tiċħad l-ewwel talba ta' Steward.**

**110. Issib ukoll bħala infondata t-tieni talba ta' Steward sabiex il-Qorti tiddikjara illi l-Kummissarju tat-Taxxi ma kellux titolu eżekuttiv meta talab u ottjena l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 518/2023 kontra Steward Malta Management Limited għas-somma ta' €36,534,160.59, u konsegwentement tiċħad it-tieni talba ta' Steward.**

**Decide**.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,**

1. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni li permezz tagħha l-Kummissarju tat-Taxxi ressaq l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-azzjoni attriċi;

2. **Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni li permezz tagħha l-Kummissarju tat-Taxxi ressaq l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens*;

3. **Tilqa'** t-tielet eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi, ssib illi l-Kummissarju kien u għadu vestit b'titolu eżekuttiv għas-somma ta' €36,816,847.54 fil-konfront tas-soċjeta' attriċi Steward Malta Management Limited bis-saħħa tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta nonostante l-kontestazzjoni pendenti ta' dak it-titolu eżekuttiv fi proċeduri ġudizzjarji oħra;

4. **Tilqa'** r-raba u l-ħames eċċezzjoni, stante li s-soċjeta' attriċi ma seħħiliex tipprova illi l-Kummissarju konvenut aġixxa in *mala fede.*

5. **Tiċħad** it-talbiet kollha attriċi peress li rriżultaw infondati fil-fatt u fid-dritt.

**Bl-ispejjeż** kontra s-soċjeta' attriċi.

**Moqrija,**

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
5 ta' Lulju, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**